IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.4.2021
COM(2021) 204 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-użu li sar mill-istituzzjonijiet fl-2019 tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 495/77, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol standby), Nru 858/2004 (dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli), u Nru 300/76, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar is-servizz kontinwu jew bix-xift)

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-użu li sar mill-istituzzjonijiet fl-2019 tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 495/77, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol standby), Nru 858/2004 (dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli), u Nru 300/76, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar is-servizz kontinwu jew bix-xift)

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolamenti tal-Kunsill dwar ix-xogħol standby (Nru 495/77) u dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli (Nru 858/2004) jobbligaw lill-Kummissjoni tippreżenta, kull sena, rapport lill-Kunsill dwar l-għadd ta' uffiċjali u aġenti oħrajn f'kull kategorija li jirċievu l-benefiċċji msemmija fir-regolamenti kkonċernati kif ukoll dwar in-nefqa totali relatata magħhom.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq l-aħħar ċifri annwali kompluti li kienu disponibbli fi żmien it-tħejjija tiegħu u għalhekk jirreferi għas-sena 2019. Huwa jkopri l-istituzzjonijiet kollha u jinkludi wkoll, għall-finijiet ta' kompletezza, informazzjoni simili dwar l-użu tas-servizz kontinwu jew bix-xift (ir-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76).

2. BENEFIĊĊJU GĦAX-XOGĦOL STANDBY

Il-bażijiet legali għal dan il-benefiċċju huma l-Artikoli 55 u 56b tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 495/77 tat-8 ta' Marzu 1977, kif emendat.

Il-ħlas tal-benefiċċju huwa limitat għal uffiċjali u għal aġenti oħra mħallsa mill-*approprjazzjonijiet għar-riċerka* u impjegati:

- fi stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC), jew
- f'azzjonijiet indiretti, jew

imħallsa mill-*approprjazzjonijiet amministrattivi* u impjegati:

- fit-tmexxija jew fis-superviżjoni ta' installazzjonijiet tekniċi,
- f'dipartiment tas-sigurtà,
- f'dipartiment tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT),
- f'dipartiment li jipprovdi sostenn għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) / Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jew għall-arranġamenti ta' koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew fi kriżijiet, jew
- fil-qafas ta' arranġament maħluq biex jipprovdi l-għajnuna lill-Istati Membri 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa ("SM 24/7") fil-kuntest tal-koordinazzjoni f'każ urġenti jew ta' kriżi jew servizzi li fihom teżisti n-neċessità li jwettqu kompiti sabiex jiġi żgurat mekkaniżmu li jipprovdi assistenza lill-Istati Membri.

Il-benefiċċju għax-xogħol standby huwa espress permezz ta' punti. L-għadd ta' punti mogħtija għal kull siegħa ta' xogħol standby effettivament maħduma huwa stabbilit kif ġej:

– xogħol standby mid-dar, f'jum tax-xogħol: 2.15 punti;
– xogħol standby fi tmiem il-ġimgħa u l-jiem ta' btala: 4.3 punti;
– xogħol standby fuq il-post tax-xogħol, f'jum tax-xogħol: 11-il punt;
– xogħol standby fuq il-post tax-xogħol, fi tmiem il-ġimgħa u l-jiem ta' btala: 22 punt.

Kull punt jiswa daqs 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fil-grad 1, fl-ewwel skala (jiġifieri EUR 0,95 fl-2019).

Iċ-ċifri li ġejjin jindikaw l-għadd ta' benefiċċji mogħtija minn kull istituzzjoni għas-sena 2019.

2.1. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali / aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali)

Istituzzjoni	**AD**	**SC-AST**	**CA**				**TOTAL**
			FG I	**FG II**	**FG III**	**FG IV**	
Il-Kumissjoni	139	206	50	8	12	9	**424**
- li minnhom tal-JRC:	*48*	*81*	*18*	*0*	*1*	*3*	***151***
Il-Kunsill	15	68	2	0	0	0	**85**
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Ġustizzja	11	15	1	0	0	1	**28**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	1	16	0	0	0	**17**
KESE	0	3	0	0	0	0	**3**
KtR	0	3	0	0	1	0	**4**
KEDP	0	0	0	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	**0**
SEAE	14	11	0	2	5	1	**33**
TOTAL	**179**	**307**	**69**	**10**	**18**	**11**	**594**

2.2. Għadd ta' benefiċjarji għal kull tip ta' xogħol standby

Istituzzjoni	Fid-dar	Xogħol mid-dar u fuq il-post tax-xogħol	Fuq il-post tax-xogħol	TOTAL
Il-Kumissjoni	409	5	10	**424**
- li minnhom tal-JRC:	*137*	*5*	*9*	***151***
il-Kunsill	85	0	0	**85**
Il-Parlament	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Ġustizzja	28	0	0	**28**
Il-Qorti tal-Awdituri	17	0	0	**17**
KESE	3	0	0	**3**
KtR	4	0	0	**4**
KEDP	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	**0**
SEAE	33	0	0	**33**
TOTAL	**579**	**5**	**10**	**594**

2.3. L-għadd ta' benefiċjarji skont it-tip ta' impjieg:

Istituzzjoni	**JRC**	**Azzjoni indiretta**	**Installazzjonijiet tekniċi**	**Sigurtà**	**L-ICT**	**PESK / PSDK**	**SM 24/7**	**TOTAL**
Il-Kumissjoni	151	2	58	39	133	0	41	**424**
- li minnhom tal-JRC:	*151*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	***151***
Il-Kunsill	0	0	0	28	46	11	0	**85**
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	16	12	0	0	0	**28**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	17	0	0	0	**17**
KESE	0	0	0	3	0	0	0	**3**
KtR	0	0	0	4	0	0	0	**4**
KEDP	0	0	0	0	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0	**0**
SEAE	0	0	0	4	9	20	0	**33**
TOTAL	**151**	**2**	**74**	**107**	**188**	**31**	**41**	**594**

3. BENEFIĊĊJU LI JINGĦATA MINĦABBA KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL PARTIKOLARMENT DIFFIĊLI

Il-bażijiet legali għal dan il-benefiċċju huma l-Artikolu 56C tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 858/2004 tad-29 ta' April 2004, kif emendat. Il-benefiċċju jingħata biex tikkumpensa għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli relatati ma' (1) 'protezzjoni personali' (l-ilbies ta' lbies speċjali skomdu, protezzjoni parzjali), (2) "post tax-xogħol" (postijiet konfinati, storbjużi u perikoluži) u (3) "natura tax-xogħol" (pereżempju, l-immaniġġar ta' sustanzi korruživi, xogħol bl-isplussivi)[1].

Il-benefiċċju huwa espress f'termini ta' punti mogħtija għal kull siegħa ta' xogħol effettiv. L-għadd ta' punti jvarja bejn 2 punti, pereżempju għal-livell medju ta' ħoss li jeċċedi l-85 deċibel, u l-limitu massimu ta' 50 punt fil-każ ta' uffiċjal li jrid jilbes ilbies protettiv għal kontra n-nar b'apparat awtorespiratorju. Kull punt jiswa daqs 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fil-grad 1, fl-ewwel skala (jiġifieri EUR 0,95 fl-2019).

3.1. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali / aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali)

			CA				
Istituzzjoni	**AD**	**SC-AST**	**FG I**	**FG II**	**FG III**	**FG IV**	**TOTAL**
Il-Kumissjoni	36	144	26	0	1	9	**216**
- li minnhom tal-JRC:	*32*	*132*	*16*	*0*	*1*	*9*	***190***
Il-Kunsill	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Parlament	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	0	0	0	**0**
KESE	0	0	0	0	0	0	**0**
KtR	0	0	0	0	0	0	**0**
KEDP	0	0	0	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	**0**
SEAE	0	0	0	0	0	0	**0**
TOTAL	**36**	**144**	**26**	**0**	**1**	**9**	**216**

4. BENEFIĊĊJU GĦAS-SERVIZZ KONTINWU JEW BIX-XIFT

Il-bażijiet legali għal dan il-benefiċċju huma l-Artikolu 56a tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76 tad-9 ta' Frar 1976, kif emendat.

Il-ħlas tal-benefiċċju huwa limitat għal uffiċjali u għal aġenti oħra mħallsa mill-*approprjazzjonijiet għar-riċerka* u impjegati:

- fi stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC), jew
- f'azzjonijiet indiretti, jew

[1] L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 858/2004.

imħallsa mill-*approprjazzjonijiet amministrattivi* u impjegati:

- f'dipartiment tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT),
- f'dipartiment tas-sigurtà,
- f'servizz ta' swiċċbord tat-telefon / ta' informazzjoni jew f'uffiċċju ta' akkoljenza,
- f'dipartiment li jipprovdi sostenn għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) / Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jew għall-arranġamenti ta' koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew fi kriżijiet,
- servizz li jipprovdi appoġġ fil-kuntest ta' koordinazzjoni f'każ ta' emerġenza jew kriżi jew
- fit-tmexxija jew fis-superviżjoni tal-installazzjonijiet tekniċi.

Iċ-ċifri li ġejjin jindikaw l-għadd ta' benefiċċji mogħtija minn kull istituzzjoni għas-sena 2019.

4.1. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali / aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali)

			CA				
Istituzzjoni	**AD**	**SC-AST**	**FG I**	**FG II**	**FG III**	**FG IV**	**Total**
Il-Kumissjoni	0	75	20	24	6	0	**125**
- li minnhom tal-JRC:	*0*	*21*	*9*	*0*	*0*	*0*	***30***
Il-Kunsill	0	65	0	10	0	0	**75**
Il-Parlament	4	57	516	4	12	2	**595**
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	1	16	0	0	0	**17**
KESE	0	3	0	0	0	0	**3**
KtR	0	3	0	0	1	0	**4**
KEDP	0	0	0	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	**0**
SEAE	0	36	0	0	0	0	**36**
Total	**4**	**240**	**552**	**38**	**19**	**2**	**855**

Hemm erba' rati differenti previsti għall-benefiċċju ta' kull xahar (ċifri abbażi tas-sena 2019):

- rata 1: servizz b'żewġ xiftijiet, minbarra fi tmiem il-ġimgħa u fil-jiem ta' btala: EUR 429,05;
- it-tieni rata: servizz b'żewġ xiftijiet, inkluż matul il-lejl, fi tmiem il-ġimgħa u fil-jiem ta' btala: EUR 647,59;
- it-tielet rata: 24 siegħa kuljum, minbarra fi tmiem il-ġimgħa u l-jiem ta' btala: EUR 708,05;
- ir-raba' rata: 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa: EUR 965,31.

4.2. L-għadd ta' benefiċjarji għal kull rata

	Rata 1	Rata 2	Rata 3	Rata 4	
Istituzzjoni	429.05	647.59	708.05	965.31	**Total**
Il-Kumissjoni	14	0	8	103	**125**
- li minnhom tal-JRC:	*0*	*0*	*8*	*22*	*30*

Il-Kunsill	25	0	0	50	**75**
Il-Parlament	50	281	0	264	**595**
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	17	**17**
KESE	3	0	0	0	**3**
KtR	4	0	0	0	**4**
KEDP	0	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	**0**
SEAE	27	0	0	9	**36**
Total	**123**	**281**	**8**	**443**	**855**

4.3. L-għadd ta' benefiċjarji skont it-tip ta' impjieg:

Istituzzjoni	JRC	Crisis/emerg. coord.	L-ICT	Sigurtà	Swiċċbord/Reception	PESK/ PSDK	Installazzjonijiet teknika	Azzjoni jiet Ind.	TOTAL
Il-Kumissjoni	30	16	14	65	0	0	0	0	**125**
- li minnhom tal-JRC:	*30*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	***30***
Il-Kunsill	0	0	0	75	0	0	0	0	**75**
Il-Parlament	0	0	0	545	50	0	0	0	**595**
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	17	0	0	0	0	**17**
KESE	0	0	0	3	0	0	0	0	**3**
KtR	0	0	0	4	0	0	0	0	**4**
KEDP	0	0	0	0	0	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0	0	**0**
SEAE	0	0	14	13	0	9	0	0	**36**
Total	**30**	**16**	**28**	**722**	**50**	**9**	**0**	**0**	**855**

5. IS-SERVIZZI KKONĊERNATI U R-RAĠUNIJIET

Il-Kunsill, il-Kummissjoni, is-SEAE, il-Parlament Ewropew, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri u ż-żewġ Kumitati jużaw xogħol standby u/jew xogħol bix-xift u jħallsu l-benefiċċji previsti mil-leġiżlazzjoni.

Il-Kummissjoni għadha l-unika istituzzjoni li tħallas benefiċċji għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċili, fil-JRC, fl-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell (OIB) u, mill-2018, għall-ispetturi nukleari fid-DĠ ENER.

5.1. Ir-raġunijiet għall-użu tax-xogħol standby

Il-Kummissjoni: Fl-2019, il-Kummissjoni ħallset benefiċċji għal xogħol standby lil 410 membru tal-persunal tagħha, li jirrappreżentaw tnaqqis żgħir meta mqabbla mal-2018 (416 benefiċjarju).

Kien hemm żieda fid-dipartiment tas-servizzi tal-informazzjoni u t-teknoloġija (ICT) (+16). Din iż-żieda hija dovuta għal għadd akbar ta' benefiċjarji (103 meta mqabbla ma' 89 fl-2018)

li jiffurmaw parti mill-23 servizz ta' standby eżistenti fi ħdan id-DĠ DIGIT. B'kuntrast, kien hemm tnaqqis żgħir fis-servizzi ta' installazzjoni teknika matul l-aħħar ftit snin (abolizzjoni tas-servizzi standby fl-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, inqas benefiċjarji fl-OIB/OIL). L-istess xejra tista' tiġi osservata fil-qasam tal-koordinazzjoni ta' kriżi/emerġenza (-9).
Madwar 37 % (151) tal-benefiċjarji jaħdmu f'wieħed miċ-ċentri ta' riċerka. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet fil-JRC ix-xogħol standby isir mid-dar, bl-eċċezzjoni ta' Ispra fejn is-servizzi jistgħu jitwettqu jew minn fuq il-post tax-xogħol, jew mid-dar minħabba l-ispeċifiċità tal-kompiti.

Fid-Direttorati Ġenerali l-oħra tal-Kummissjoni, kien hemm tnaqqis żgħir fl-għadd ta' benefiċjarji (54 fl-2018, 47 fl-2019) fid-DĠ ECHO (SM 24/7), wara żieda (+ 5) fl-2018. Għas-servizzi l-oħra, ftit li xejn kien hemm tibdil meta mqabbel mal-2018.

Il-Kunsill: Il-Kunsill ħallas benefiċċji għal xogħol standby lil 85 membru tal-persunal tiegħu fl-2019 (77 fl-2018).

Ġew stabbiliti erba' servizzi biex ikopru l-oqsma li ġejjin: (1) it-teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT), biex jiggarantixxu l-protezzjoni u l-funzjonament tajjeb tan-netwerks tal-IT u tal-komunikazzjoni, (2) is-Sikurezza/is-Sigurtà biex jirrispondu minnufih għal kwalunkwe inċident li jista' jaffettwa l-persunal tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u l-attivitajiet tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew, u biex jipprovdu 24/7 lill-uffiċjali tas-sigurtà fuq missjoni, (3) azzjoni rapida biex jabbozzaw, jippubblikaw fuq l-internet u jxerrdu dikjarazzjonijiet immedjati u urġenti mill-Presidenza b'rotazzjoni u l-President tal-Kunsill Ewropew fil-kuntest tal-PESK/PESD. Fl-2019 dan ix-xogħol ta' standby kien jitwettaq biss mid-dar.
Din ix-xejra 'l fuq tista' tiġi spjegata minn żieda żgħira fin-numru ta' benefiċjarji fis-servizzi eżistenti minn naħa, u bil-ħolqien ta' servizz ġdid fl-unità ORG.5 "Sigurtà tal-Informazzjoni" min-naħa l-oħra.

Il-Qorti tal-Awdituri: Fl-2019, l-ippjanar ta' kull xahar tad-dipartiment tas-sigurtà u s-sikurezza jinkludi dmirijiet ta' standby f'darhom għal 17 membru tal-persunal, l-istess bħal fl-2018. Huma jiżguraw is-sikurezza tal-bini u tal-okkupanti tiegħu madwar l-arloġġ matul is-sena.

SEAE: Fl-2019, is-SEAE ħallas benefiċċji għal xogħol standby lil 33 membru tal-persunal tiegħu (29 membru tal-persunal fl-2018). Il-ħolqien ta' servizz ġdid fl-unità SG AFF GEN 6 "Komunikazzjoni strateġika" jispjega din iż-żieda. Is-servizzi standby ikopru tliet oqsma ta' ħidma: (1) servizzi ta' sigurtà, biex jipprovdu protezzjoni l-ħin kollu lill-persunal, lill-viżitaturi, lill-uffiċċji u lill-proprjetà tas-SEAE fi Brussell u biex jipproteġu l-informazzjoni klassifikata (fil-Kwartieri Ġenerali u fid-Delegazzjonijiet); (2) appoġġ għall-PESK/PESD għall-monitoraġġ tal-avvenimenti madwar id-dinja 24/7, ir-rispons għal kriżijiet, inċidenti, avvenimenti kritiċi, sitwazzjonijiet jew emerġenzi speċifiċi, l-għoti ta' appoġġ lir-Rappreżentant Għoli u l-atturi tal-UE, il-faċilitazzjoni tal-laqgħat tal-Pjattaforma tal-Kriżijiet tas-SEAE barra l-ħinijiet tax-xogħol normali; (3) is-servizz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni permezz tal-COMCEN (Ċentru ta' Komunikazzjoni) li jipprovdi servizzi għat-trasmissjoni ta' informazzjoni klassifikata lill-membri kollha tal-persunal tas-SEAE, filwaqt li jipprovdi wkoll servizzi lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill sabiex jiġi żgurat it-trattament rapidu ta' informazzjoni klassifikata urġenti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja: Fl-2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ħallset benefiċċji għas-servizzi standby lil 28 membru tal-persunal tagħha (27 fl-2018). Dan is-servizz ġie stabbilit f'Novembru 2014 fid-Direttorat Ġenerali għall-Infrastruttura. Id-Direttorat tal-Bini huwa responsabbli għall-protezzjoni tal-istituzzjoni, il-prevenzjoni tan-nirien, u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Dan jinkludi tliet unitajiet responsabbli għal xogħol ġdid, il-ġestjoni tal-bini u s-sikurezza u s-sigurtà.

KtR-KESE: Hemm servizz konġunt ta' standby fi ħdan is-servizz tas-sigurtà fil-KtR u l-KESE biex jiġi żgurat li l-persunal tas-sigurtà jkun jista' jintlaħaq u jkun lest li jirreaġixxi f'kull ħin jekk jinqalgħu inċidenti li jeħtieġu azzjoni meta l-istituzzjoni tkun magħluqa. Fl-2019, is-servizz standby id-dar kien jikkonċerna 4 membru tal-persunal tal-KtR (l-istess bħal fl-2018) u 3 membru tal-persunal tal-KESE (2 fl-2018).

5.2. Ir-raġunijiet għall-użu tal-benefiċċju li jingħata minħabba kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli

Kummissjoni: Il-Kummissjoni hija l-unika istituzzjoni li għamlet użu minn din il-possibbiltà fl-2019: l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell (OIB) għas-servizz tar-riproduzzjoni, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u d-DĠ ENER għall-ispezzjonijiet ta' installazzjonijiet f'siti nukleari, għal total ta' 216 benefiċjarju fl-2019 (209 fl-2018).

Fl-2019, in-numru totali ta' sigħat li nħadmu f'dawn il-kundizzjonijiet diffiċli tqassmu kif ġej:

- 64 889.11 siegħa (65 808.19 minn kull 2018) relatati mal-protezzjoni individwali (pereżempju, l-ilbies ta' lbies protettiv partikolarment skomdi);
- 115 973.35 siegħa (117 127.13 fl-2018) relatati mal-post tax-xogħol (pereżempju, livell għoli ta' storbju, siti perikolużi);
- 12 162.74 siegħa (11 539.68 fl-2018) relatati man-natura tax-xogħol (pereżempju, l-immaniġġar ta' sustanzi korrużivi);
- 8 sigħat (26.20 fl-2018) relatati mal-kombinazzjoni tal-protezzjoni personali u l-postijiet tax-xogħol (spetturi nukleari: livell għoli ta' storbju, ilbies protettiv b'apparat awtonomu għat-teħid tan-nifs).

5.3. Raġunijiet għal servizz kontinwu jew bix-xift

Il-Kummissjoni: Fi ħdan il-Kummissjoni, il-JRC (għal raġunijiet relatati man-natura tal-kompiti) u d-DĠ HR (dipartiment tas-sikurezza u s-sigurtà) għamlu l-akbar użu minn dan it-tip ta' organizzazzjoni tax-xogħol (30 u 57 persuna rispettivament fl-2019).

Fl-2019, ix-xogħol bix-xift twettaq fid-Direttorati Ġenerali l-oħra (baġit operattiv) minn 38 persuna fl-oqsma li ġejjin:

- Sigurtà u prevenzjoni: 8 (OIL);
- Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni: 14 (DG COMM);
- Assistenza lill-Istati Membri: 16 (DG ECHO).

L-arranġament tax-xogħol bix-xift fid-DĠ COMM iħejji rieżamijiet għall-istampa għall-President, il-Kulleġġ u s-Servizz tal-Kelliem.

Is-servizz madwar il-ħin kollu fiċ-Ċentru ta' Monitoraġġ u Informazzjoni fid-DĠ ECHO jassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni waqt diżastri.

Ir-rati 1, 3 u 4 (tipi ta' konċessjonijiet) huma applikati fil-Kummissjoni, bir-rata 4 (servizz kontinwu) tintuża prinċipalment fis-servizzi tas-sigurtà.

Il-Kunsill: Il-Kunsill għandu sistema ta' xogħol bix-xift, li hija essenzjali biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi responsabbli għall-prevenzjoni u għas-sikurezza u s-sigurtà tal-bini u l-persuni fiż-żewġ binjiet tal-Kunsill.

L-għadd ta' benefiċjarji baqa' stabbli (75 fl-2019 bħal fl-2018).

Parlament Ewropew: Fl-2019, il-Parlament Ewropew ħallas benefiċċji għal xogħol bix-xift biex ikopri (1) servizzi ta' sikurezza u sigurtà fit-3 post tax-xogħol: Brussell, Strasburgu u l-Lussemburgu, (2) servizzi relatati mal-akkoljenza, is-sigurtà u l-kontroll tal-viżitaturi (il-Parlamentarium, Dar l-Istorja Ewropea u Dar Jean Monnet (mill-2017), iċ-Ċentru Sportiv (mill-2017)) u l-komunikazzjoni permezz tal-iswitchboard, li toffri varjetà ta' servizzi f'diversi lingwi, inkluż it-trasferiment ta' telefonati deħlin u ħerġin, il-forniment ta' informazzjoni ta' kuntatt (numri tat-telefown u tal-faks, indirizzi tal-posta elettronika u tal-uffiċċju), informazzjoni dwar il-laqgħat u l-bini tal-Parlament Ewropew.

L-istruttura tikkonsisti jew f'arranġament ta' żewġ xiftijiet (rata 1), arranġament ta' żewġ xiftijiet inklużi l-iljieli, tmiem il-ġimgħa u festi pubbliċi (rata 2) jew servizz kontinwu ta' 24 siegħa (rata 4). L-għadd ta' benefiċjarji baqa' kważi stabbli 595 benefiċjarju fl-2019 (603 fl-2018).

Fl-2019, il-Parlament irrapporta tnaqqis qawwi fl-għadd ta' persuni li jirċievu l-benefiċċju tar-rata tal-1 iżda żieda fl-għadd ta' benefiċjarji tal-benefiċċji tar-rati tal-2 u l-4, li wassal għal żieda sinifikanti fil-baġit użat.

Il-Qorti tal-Awdituri: Fl-2019, l-uniku servizz irrappurtat mill-Qorti tal-Awdituri kien ix-xogħol bix-xift stabbilit fl-unità RH 2 "Servizzi ġenerali" Huwa servizz kontinwu ta' 24 siegħa (rata 4) b' 17 benefiċjarju (19 fl-2018). Ix-xogħol bix-xift fil-qasam tas-servizz telefoniku/reception irrappurtat fl-2018 (2 benefiċjarju) ġie abolit.

SEAE: Fl-2019, is-SEAE ħallas 36 benefiċċju għal xogħol bix-xift biex jiżgura l-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-immarkar ta' kuljum ta' avvenimenti jew sitwazzjonijiet politikament sinifikanti fuq bażi 24/7 u biex jipprovdi servizzi għat-trażmissjoni ta' informazzjoni klassifikata lill-persunal kollu tas-SEAE u lir-Rappreżentant Għoli u atturi oħra tal-UE (il-Kummissjoni Ewropea, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, l-Aġenziji tal-UE, l-Istati Membri tal-UE).

Żewġ tipi ta' benefiċċji huma applikabbli fis-SEAE, prinċipalment ir-rata 1 u r-rata 4. L-għadd ta' benefiċjarji baqa' stabbli.

KtR-KESE: Servizz konġunt ta' ħidma bix-shift qed jopera fil-KtR u fil-KESE biex jissodisfa l-ħtieġa għal preżenza kontinwa fis-servizz tas-sigurtà. Il-KtR iħallas indennizzi lil 4 benefiċjarju (rata 1) u lill-KESE lil 3 benefiċjarju (rata 1).

6. IN-NEFQA BAĠITARJA, GĦAL KULL ISTITUZZJONI U GĦAL KULL BENEFIĊĊJU (F'EUR)

Istituzzjoni	Xogħol bix-xift	Ix-xogħol standby	Kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli	Total
Il-Kumissjoni	1 114 753.93	1 565 038.22	650 195.23	**3 329 987.38**
- li minnhom tal-JRC:	*216 008,78*	*634 304,88*	*616 763,55*	***1 467 077.21***
Il-Kunsill	645 516.00	258 689.00	0	**904 205.00**
Il-Parlament	5 581 878.31	0	0	**5 581 878.31**
Il-Qorti tal-Ġustizzja	0	67 265.00	0	**67 265.00**
Il-Qorti tal-Awdituri	192 198.69	12 314.87	0	**204 513,56**
KESE	12 753.76	6 958.64	0	**19 712.40**
KtR	20 392.56	12 718.72	0	**33 111.28**
KEDP	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	**0**
SEAE	249 700.00	101 874.00	0	**351 574.00**
Total	**7 817 193.25**	**2 024 858.45**	**650 195.23**	**10 492 246.93**

L-ammont imħallas għat-tliet benefiċċji, mill-istituzzjonijiet Ewropej kollha f'daqqa jammonta għal EUR **10 492 246,93** għas-sena 2019 (EUR 9 378 337,37 għas-sena 2018).